**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

### Laqgħa Nru. *57/2016*

Data: Il-Ħamis, 4 t'Awissu, 2016

Ħin: 6.30pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

---

Preżenti:
Alison Zerafa Civelli – *Sindku*
Ivan Agius – *Viċi Sindku*
Noyah Spiteri – *Kunsilliera*
James Cauchi – *Kunsillier*
Alfred Attard - *Kunsillier*
Pablo Cachia Belli – *Kunsillier*
Roderick Mamo – *Kunsillier*

Joseph Caruana – *Segretarju Eżekuttiv*

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Pagamenti – Lulju 2016
3. eTender KLBO 05/2016 – Provvista ta' Vettura tal-Elettriku N1
4. Ħatra ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni għall-eTenders
5. Mozzjonijiet
6. Korrispondenza
7. Aġġornament

---

## Minuti – *57/2016*

### 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

*Qari u approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-minuti tal-laqgħa nru 56 ġew meħuda bħala moqrija.

Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sindku issekondata mill-Viċi-Sindku Ivan Agius, il-minuti ġew unanimament approvati wara votazzjoni.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

### 2. Pagamenti – Lulju 2016

*Pagamenti – Lulju 2016*

**2.1** Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Lulju, 2016.

Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sindku issekondata minn Pablo Cachia Belli, il-kontijiet ġew unanimament approvati għall-pagament.

Is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ Kunsilliera ffirmaw l-iskeda.

### 3. e-Tender KLBO 05/2016 - Provvista ta' Vettura tal-Elettriku N1

*e-Tender KLBO 05/2016*

**3.1** Il-Kunsilliera ġew preżentati b'kopja ta' e-Tender għal xiri ta' vettura tal-Elettriku N1. Is-Sindku spjegat li l-fondi biex tinxtara din il-karozza ġejjin prinċipalment minn Tranport Malta wara li l-Kunsill rebaħ kompetizzjoni. Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex toħroġ din it-tender.

Il-Kunsill unanimament approva li tiġi pubblikata t-tender.

### 4. Ħatra ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni għall-eTenders

*Ħatra ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni għall-eTenders*

**4.1** Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li minn xi żmien ilu ħarġet ċirkulari mid-

Dipartiment tal-Gvern Lokali li tenders ġodda għandhom isiru bis-sistema ta' e-tenders fuq etenders.com. Għal dan il-għan għandhom jinħatru tlet evaluators u żewġ tender openers.

Il-Kunsill unanimament approva li jinħatru s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala tender openers. Huma unanimament approvaw il-ħatra tas-Sinjuri Brian loffreda, Ramona Falzon Gatt u Lydon Vella bħala tender evaluators. F'każ ta' diffikulta, tittieħed deċiżjoni alternattiva fil-laqgħa li jmiss.

## 5. Mozzjonijiet

Mozzjonijiet

### 5.1 <u>Mozzjoni 16-2016 (VII)</u>

*Minħabba abbużi kbar ta' rimi ta' skart Fuq San Pawl, Bormla, sewwa sew quddiem iż-żigużajg ta' Taraġ it-Tarznari Antiki, liema abbużi qegħdin anke jiġu esposti fuq 'social media', qiegħed nipproponi li ssir CCTV camera fiż-żona u titqabbad mal-istess DVR li l-Kunsill għandu fl-għassa tal-pulizija.*








Mozzjoni: Il-Kunsillier Roderick Mamo

Sekondant: Is-Sindku Alison Zerafa Civelli

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni wara votazzjoni.

**5.2** Mozzjoni 17-2016 (VII)

*Wara diversi talbiet li jmorru lura s-snin, minn residenti fi Triq Abram Gatt biex isir poġġaman fin-nofs tat-taraġ; qed nipproponi li l-Kunsill jibda l-proċess biex dan il-poġġaman li għandu jkun ta' benefiċċju kbir għall-anzjani f'din t-triq isir kemm jista' jkun malajr.*

Mozzjoni: Is-Sindku Alison Zerafa Civelli

Sekondant: Il-Kunsilliera Noyah Spiteri

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni wara votazzjoni

## 6. Korrispondenza

*Korrispondenza*

**6.1** Ċirkulari 8/2016 – Librerija (05/2415/16)

Il-Kunsill unanimament approva li jipparteċipa fl-iskema maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali billi joħroġ €300 u €300 oħra joħroġhom id-Dipartiment għal xiri ta' kotba għal-librerija pubblika ta' Bormla.

**6.2** Ktieb – Plurali Maltin (05/2415/16)

Il-Kunsill unanimament approva li jixtri l-ktieb ta' George Ebejer bl-isem ta' Plurali Maltin biex jitqiegħed fil-librerija ta' Bormla.

**6.3** Twessiegħ u rampa fi Triq San Ġorġ (05/2528/16)

Il-propjetarju ta' Julesy's BnB talab lill-Kunsill biex issir rampa kompletament fuq il-bankina pubblika li tikkreja għatba fuq l-istess bankina pubblika. Il-Kunsill unanimament approva xi aġġustamenti żgħar bl-approvazzjoni tal-perit tal-Kunsill waqt li t-triq tkun qed tiġi asfaltata mingħajr ma jinħoloq periklu għal min juża l-bankina.

✧ Is-Sindku ddikjarat kunflitt t'interess u ħarġet 'il barra mil-laqgħa filwaqt li l-Viċi Sindku presieda l-laqgħa.

✧ Fis-7.55pm il-Kunsillier James Cauchi ħareġ mil-laqgħa.

**6.4** Re-Union tal-Bormliżi (05/2529/16)

L-Organizzaturi tar-Reunion tal-Bormliżi talbu lill-Kunsill għajnuna finanzjarja biex jitħallsu xi spejjeż imprevisti li saru.

Il-Kunsill unanimament m'approvax li jagħti għajnuna finanzjarja għax il-liġi ma tippermettix.

✧ Is-Sindku daħlet biex tkompli tmexxi l-laqgħa.

**6.5** Kappella San Ġwann t'Għuxa (05/2502/16)

Is-Sur Keith Cauchi wara li rċeva email mill-Kunsill biex jirritorna ċ-ċwievet tal-Kappella ta' San Ġwann t'Għuxa wera x-xewqa li jkompli jżommhom għax kull nhar ta' Tlieta qed jingħad ir-rużarju fil-kappella.

Il-Kunsill iddikkjara li kien silifhom iċ-ċwievet għal żmien il-Għid biex jagħmlu attivita' u għaldaqstant tlabnihom iċ-ċwievet għax il-Kunsill ikollu bżonnhom għall-ativitajiet oħra.

**6.6** Laqgħa Ġenerali 2016 tal-European Walled Towns (05/2475/16)

Is-Kunsill innota l-agenda tal-Laqgħa Ġenerali 2016 tal-European Walled Towns li se ssir f'Hellevoetsluis l-Olanda mid-29 ta' Settembru sat-2 t'Ottubru 2016.

**6.7** Komunikat mis-Sur Cohen ta' Transport Malta (05/2418/16)

Fuq rikjesta tas-Sur Michael Cohen il-Kunsill innota li l-perit Audrey Testaferrata De Noto ħadet rwol ġdid fi ħdan il-Ministeru u s-Sur Silvio Scerri issostitwiha fil-kariga li kellha.

✧ Fit-8.10pm, il-Kunsillier James Cauchi daħal fis-sala biex ikompli l-laqgħa.

**6.8** Cafe Rouge, Bormla (05/2542/16)

Il-Melita Ltd infurmat lill-Kunsill li s-Sur Felix Barbara, wieħed mill-propjetarji ta' Cafe Rouge għamel struttura mal-faċċata tan-negozju li timpedihom li jkollhom aċċess għall-kaxxa tagħhom. Korrispondenza

oħra ġiet annessa. Huma qedgħin isostnu li jeħtieġ li jkollhom aċċess għaliha 24 siegħa kuljum u talbu l-intervent tal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill approva unanimament li niktbu lis-Sur Felix barbara sabiex iħalli aċċess liberu lill-Melita Ltd, 24 siegħa kuljum minħabba xi ħsarat li jistgħu jinqalgħu.

**6.9** Irħama ta' Tifkira (05/2412/16)

Is-Sinjura Mary Pace talbet lill-Kunsill permess biex twaħħal irħama mas-siġra fejn miet binha. Il-Kunsill approva li ma jsib l-ebda oġġezzjoni sakemm ikollha l-permessi neċessarji tal-awtoritajiet ikkonċernati. Ġie deċiż ukoll li f'każ li s-Sinjura Pace ikollha bżonn ta' assistenza, il-Kunsill jgħinha.

**6.10** AC4ACP Meeting (02/08/2016)

L-Assoċċjazzjoni tal-Kunsill Lokali infurmatna li qed tilqa l-applikazzjonijiet mingħand kunsillieri nteressati biex jattendu għal-laqgħa tal-proġett AC4ACP li se ssir fil-Portugall bejn il-21 u l-24 ta' Settembru 2016. B'kollox se jintgħażlu 5 persuni minn Malta kollha. Biljett tal-ajru, akkomodazzjoni u ikel ikunu mħallsa.

Il-Kunsilliera Noyah Spiteri u l-Kunsillier Alfred Attard urew ix-xewqa li japplikaw u l-Kunsill approva li jilqa' t-talba tagħhom.

## 5. Aġġornament

*Aġġornament*

**5.1** Fid-8.30pm il-laqgħa ġiet dikjarata magħaluqa wara li l-agenda ġiet eżawrita u aġġornata għal nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru , 2016 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ***Alison Zerafa Civelli*** | ***Joseph Caruana*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 06-09-2016